

32000R0812

20.4.2000

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 100/3

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 812/2000
tas-17 ta' April 2000

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1626/94 li jistabblixxi ċerti miżuri tekniċi sabiex jiġu konservati r-riżorsi tas-sajd fil-Mediterran u r-Regolament (KE) Nru 850/98 dwar il-konservazzjoni tar-riżorsi mis-sajd permezz ta' miżuri tekniċi għall-ħarsien ta' żgħażagħ ta' organiżmi tal-baħar

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jwaqqaf il-Komunità Ewropea u, b'mod partikolari l-Artikolu 37 dwar dan,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew (¹),

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali (²),

Billi:

- (1) B'mod konformi mal-Artikolu 2 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3760/92 tal-Kunsill ta' l-20 ta' Diċembru 1992 li jistabblixxi sistema tal-Komunità għas-sajd u l-akwakultura (³), l-għaniżiet ġenerali tal-politika komuni tas-sajd huma l-protezzjoni u l-konservazzjoni tar-riżorsi akwatiċi ħajjin tal-baħar.
- (2) Il-Kummissjoni Internazzjonajli għall-Konservazzjoni tat-Tonn ta' l-Atlantiku (ICCAT), fil-11 is-sessjoni straordinarja tagħha miżmuma f'Santiago de Compostela, Spanja mis-16 sat-23 ta' Novembru 1998, irrakkomandat ċerti regoli speċifiki dwar l-għeluq stagjonal tas-sajd u d-daqṣijiet minimi tal-ħut fit-tnejx. Dawn ir-regoli huma mfassla fuq parir xjentifiku. Din ir-rakkomandazzjoni daħlet fis-seħħ fil-21 ta' Ġunju 1999.
- (3) Il-Komunità hija membru ta' l-ICCAT. Huwa għalhekk meħtieġ illi dawn ir-rakkomandazzjoni jiġi implementati, sabiex tiġi evitata kull pressjoni żejda fuq is-sajd tat-tonn ta' denbu ikħal. Dawn ir-regoli huma mfassla fuq parir xjentifiku. Din ir-rakkomandazzjoni daħlet fis-seħħ fil-21 ta' Ġunju 1999.
- (4) Ir-Regolament (KE) Nru 1626/94 (⁴) u r-Regolament (KE) Nru 850/98 (⁵) jistabblīxxu d-daqṣijiet minimi tat-tonn ta' denbu ikħal, rispettivament, fil-Baħar Mediterran u fir-Reġjuni 1 sa 5, għajr l-Iskagħarrak u l-Kattegat, ta' l-Oċeani Atlantiku u Indjan. Ir-Regolament (KE) Nru 1626/94 stabbilixxa għeluq stagjonal tas-sajd fil-Baħar Mediterran. Dawn ir-Regolamenti għandhom konsegwentement jiġi emendati,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

L-Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 1626/94 huwa emendat kif ġej:

1. Fl-Artikolu 3a, il-paragrafu 1 għandu jiġi mibdul bit-test li ġej:

“1. Huwa projbit li jinqabad tonn ta' denbu ikħal b'kull xibka tat-tidwir:

- għal bastimenti illi ż-żona esklussiva jew predominant tax-xogħol tagħħom huwa fil-Baħar Adriyatiku, mill-1 sal-31 ta' Mejju fil-Baħar Mediterran kollu u mis-16 ta' Lulju sal-15 ta' Awissu fil-Baħar Mediterran minbarra l-Adriyatiku,
- għal bastimenti illi ż-żona esklussiva jew predominant tax-xogħol tagħħom huwa l-Mediterran, minbarra l-Adriyatiku, mis-16 ta' Lulju sal-15 ta' Awissu fil-Baħar Mediterran kollu u mill-1 sal-31 ta' Mejju fil-Baħar Adriyatiku.

(¹) Opinjoni mogħtija fit-2 ta' Marzu 2000 (għadha mhix pubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

(²) ĠU C 75, ta' l-15.3.2000, p. 13.

(³) ĠU L 389, ta' l-31.12.1992, p. 1. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1181/98 (ġu L 164, tad-9.6.1998, p. 1).

(⁴) ĠU L 171, tas-6.7.1994, p. 1. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1448/1999 (ġu L 167, tas-2.7.1999, p. 7).

(⁵) ĠU L 125, tas-27.4.1998, p. 1. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 2723/1999 (ġu L 328, tas-22.12.1999, p. 9).

L-Istati Membri għandhom jiżguraw illi l-bastimenti kollha li jtajru l-bandiera tagħhom jew huma reġistrati fihom jikkonformaw ma' dan il-paragrafu.

Għall-għanijiet ta' dan ir-Regolament, il-limitu tan-nofs in-nhar tal-Baħar Adriyatiku għandu jkun linja miġbuda bejn il-fruntiera Greko Albaniża u l-Kap Santa Maria *di Leuca*."

2. Fl-Anness IV id-dħul li għandu x'jaqsam mat-*Thunnus thynnus* għandu jiġi mibdul b'li ġej:

"L-ispeċi	Daqs minimu
Tonn ta' denbu ikħal (<i>Thunnus thynnus</i>)	70 cm jew 6,4 kg (**)

(**) Iżda, ir-regoli stipulati fl-Artikolu 8(3), m'għandhomx japplikaw lil ħut, sal-15 % fin-numru ta' individwi, li jiżnu bejn 3,2 kg u 6,4 kg, u maqbudin bi żball."

L-Artikolu 2

Fl-Anness XII mar-Regolament (KE) Nru 850/98 id-dħul li għandu x'jaqsam mat-tonn ta' denbu ikħal u n-nota 5 fil-qiegħ tal-pażna għandhom jiġu mibdula b'li ġej:

"L-ispeċi	Daqs minimu
Tonn ta' denbu ikħal (<i>Thunnus thynnus</i>)	70 cm jew 6,4 kg (⁵)

(⁵) Iżda, ir-regoli stipulati fl-Artikolu 19(1), m'għandhomx japplikaw lil ħut, sal-15 % fin-numru ta' individwi, li jiżnu bejn 3,2 kg u 6,4 kg, u maqbudin bi żball."

L-Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħi fil-jum wara l-pubblikazjoni tiegħi fil-Ġurnal Ufficijali tal-Komunitajiet Ewropej.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħi u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fil-Lussemburgu, fis-17 ta' April 2000.

Għall-Kunsill

Il-President

L. CAPOULAS SANTOS